Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,653, 28 ta' Ġunju, 2021

Taqsima B

A.L. 276 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Għeluq ta' Stabbilimenti tal-Ikel u x-Xorb (Emenda Nru 7)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Għeluq ta' Stabbilimenti tal-Ikel u x-Xorb (Emenda Nru 7) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Għeluq ta' Stabbilimenti tal-Ikel u x-Xorb, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 465. 54.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fit-28 ta' Ġunju 2021:

Iżda r-regolamenti prinċipali li qegħdin jiġu emendati bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li għadhom fis-seħħ, inkluż wara t-28 ta' Ġunju 2021, għall-finijiet ta' kull att, deċiżjoni, azzjoni jew proċeduri meħuda fir-rigward ta' xi ksur ta' dawk l-istess regolamenti.

Jissostitwixxi r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"2. *Bars*, każini, ristoranti, *snack bars* u *kiosks* jistgħu jiftħu għan-negozju:

Iżda l-*bars,* każini, ristoranti, *snack bars* u *kiosks* kollha għandhom, sakemm il-liċenzja tal-operat tagħhom taħt ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija jew ir-Regolamenti dwar Stabbilimenti li Jipprovdu l-Ikel ma tipprovdix għal ħinijiet ta' għeluq aktar kmieni, jibqgħu magħluqa bejn is-sagħtejn ta' filgħodu (2:00 a.m.) u l-ħamsa ta' filgħodu (5:00 a.m.):

L.S. 128. 01.
L.S. 409. 15.

Iżda wkoll il-*bars,* każini, ristoranti, *snack bars* u *kiosks* kollha għandhom iservu ikel biss lill-klijenti li jkunu bilqiegħda fuq mejda ta' mhux aktar minn sitt (6) persuni u għandha tinżamm distanza ta' żewġ metri bejn mejda u oħra:

Iżda wkoll jekk il-persuni bilqieghda fuq mejda jkunu kollha jgħixu fl-istess residenza, il-limitazzjoni fin-numru ta' persuni msemmija fil-proviso ta' hawn fuq ma għandhiex tapplika:

Iżda wkoll xorb alkoħoliku għandu jiġi servut biss mal-ikel.".